MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-13 ta' Awwissu, 2009

Numru. 780/2009

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jesmond Borg]**

**Vs**

**Jesmond Aquilina**
**Omissis**

Kumpilazzjoni Numru: 780/2009

**Illum, 13 ta' Awissu, 2009**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

Jesmond Aquilina ta' 38 sena, bin Joseph u Jane nee' Decelis, imwieled il-Pieta, fit-2 ta' Marzu, 1971 li joqghod fil-fond: Numru 30, Triq Santu Rokku, Bormla u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 109071 (M).

U

Omissis

Akkuzati talli:

a) Talli nhar it-2 ta' Awissu, 2009, ghal habta tad-8:45 ta' filghodu, minn vettura ta' l-ghamla Daihatsu, mudell YRV, ta' lewn sewdieni u bin-numru tar-registrazzjoni: SIX-966, liema vettura kienet tinsab ipparkeggjata fi Triq ix-Xatt ta' Bormla, gewwa Bormla, ikkomettew s-serq ta' handbag li kien fih zewg telefons cellulari ta' l-ghamla Sagem, mudell MY X5-2 u Nokia, mudell 5300; sett cwievet u dokumenti ohra, ghad-dannu ta' Rita Grace Vella mill-Kalkara, liema valur jeccedhiex l-232.94 ewro u liema serq hu kkwalifikat bix-xorta ta' haga misruqa.
b) Akkuzati ukoll talli nhar it-2 ta' Awissu, 2009, xjentement, f'Malta, laqaw ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, u xjenetment, b'kull mod, indahlu biex jbieghuhom jew imexxuhom.

Lil Omissis wahdu:

Talli nhar it-2 ta' Awissu, 2009 u fil-granet u x-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin, f'hinijiet differenti Maltin, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u dan bi ksur ta' l-Art. 18, tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) Talli, fix-xahar ta' Settembru, 2008, flimkien ma' persuni ohra, ikkomettew s-serq ta' stereo tal-karozza minn vettura ta' l-ghamla Fiat mudell Uno, bin-numru ta' registrazzjoni mhux maghrufa, liema vettura kienet tinsab ipparkeggjata fi Triq Dun Karm Sant, gewwa Hal Traxien, ghad-dannu ta' persuni mhux maghrufa u liema serq hu

kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bix-xorta ta' haga misruqa.
d) Akkuzat ukoll talli, fix-xahar ta' Settembru, 2008, fliemkien ma' persuni ohra, volontrajament, hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, cioe' vettura ta' l-ghamla Fiat, mudell Uno, bin-numru tar-registrazzjoni mhux maghrufa, liema vettura kienet tinsab ipparkeggjata fi Triq Dun Karm Sant, gewwa Hal Tarxien, ghad-dannu ta' persuni mhux maghrufa.
e) U aktar talli, fix-xahar ta' Settembru, 2008, flimkien ma' persuni ohra, filwaqt li kien fl-inhawi ta' Hal Tarxien, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' dak ta' serq minn vettura ohra, ta' l-ghamla Mazda, mudell station wagon u bin-numru ta' registrazzjoni mhux maghruf, li kienet tinsab ipparkeggjata fi Triq Dun Karm Sant, gewaa Hal Tarxien , wera dan il-hsib b'atti esterni u ta' bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, u li kienu sehh dan id-delitt kien ikun ikkwalfikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bix-xorta ta' haga misruqa, ghad-dannu ta' persuni mhux maghrufa.

Lil Jesmond Aquilina wahdu:
f) Talli sar recidiv ai termini ta' l-Art. 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati differenti, liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

g) Barra minn hekk talli, kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Magistrat Dr.Lawrence Quintano LL.D, fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettvi mill-25 ta' Jannar, 2008.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputati ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mall-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet mitluba wkoll illi barra li taghti l-piena stabbilita bil-Ligi, tapplika ukoll l-Art. 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat l-artikoli 49, 50, 18, 261(g), 271, u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-verbal ta’l-udjenza mizmuma fit- 3 ta’ Awissu 2009 meta l-ufficjal prosekutur iddikjara li l-imputazzjoni ta’ ricettazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-imputazzjoni ta’ serq.

Rat li waqt dik l-istess udjenza mizmuma minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijet kollha migjuba kontra tieghu hlief ghat-tieni wahda u cioe dik ta’ ricettazzjoni, u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjoni ta’ ricettazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-imputazzjoni ta’ serq li giet ammessa mill-imputat; il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet l-ohra kollha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha in-natura tar-reati odjerni u l-fedina penali ta’l-imputat li hija wahda refrettarja u li minnha jidher li minkejja ghad kbir ta’ kundanni l-imputat m’gharafx jirriabilita ruhu. Min-naha l-ohra l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll il-koperazzjoni ta’l-imputat mal-pulizija f’din l-investigazzjoni u l-ammissjoni tieghu f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tasjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, u wara li rat 49, 50, 18, 261(g), 271, u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’

Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet l-ohra kollha u ghart-reati odjerni tikkundannah sena (1) prigunerija. In oltre l-Qorti qed titratta ma’l-imputat ghar-reati li taghhom instab hati fil-25 ta’ Jannar 2008 daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati, u fil-waqt li tikkonferma s-sejbin ta’ htija tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------